IT-TIELET KTIEB TA' L-ERBGHA U GHOXRIN SENA

SETTEMBRU 1948.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

| | | |
|---|---|---|
| L-Editur—Inkunu Rġiel | Faċċ. | 65 |
| SNIAR—It-Teatru bl-Ilsien Malti | ,, | 67 |
| Ġużè' Ellul Mercer—Mid-Djarju Tiegħi | ,, | 69 |
| Wallace Gulia, B.A., B.Sc., Ph.C.—*Settembru* | ,, | 71 |
| K. Fenech—Dawra f'Ta' Frankuni | ,, | 72 |
| A. Cremona—Waıa Sidu sal-Mewt | ,, | 76 |
| Fredu Nicholas—Il-Lsien Għarbi | ,, | 86 |
| A.C.—Il-Mewt ta' Tlitt Iħbieb ta' "Il-Malti" | ,, | 89 |
| Louis Ellul—*Għanjiet ta' Mħabba* | ,, | 93 |
| Reċensjonijiet | ,, | 94 |

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — SETTEMBRU 1948

## *INKUNU RGIEL*

*L-AQWA virtù li biha titwettaq il-ħajja ta' għaqda jew xirka letterarja, barra mill-istudju u l-ħidma fil-għalqa tagħha, hija dik tal-ħsieb safi, ftehim u għajnuna xilxiena tal-membri tagħha. Din il-karatteristika tfisser, biex ingħid hekk, il-weghda, li jagħmel kull membru bejnu u bejn ruħu meta jingħaqad ma' kull xirka jew għaqda bħal din.*

*Il-ġrajja ta' għaqdiet u ixirka oħra jgħallmuna illi mhux darba u tnejn li għaqda jew xirka nħallet u nqerdet meta fost il-membri tagħha ma kienx hemm il-ħsieb safi li wieħed jaħdem mingħajr ma joqgħod iqis li jagħdi biss l-interessi tiegħu personali, jiġifieri meta fin-nofs kien hemm taħkem l-ambizzjoni personali, il-għira li xi minn daqqiet qanqlet tmaqdir bla ħaqq u kritika velenuża—il-għawi u l-ħidma minn taħt bil-ħsieb li jgħinu l-għedewwa ta' l-istess xirka. Nies bħal dawn f'għaqda jew xirka jistgħu xejn inqas jagħmlu dik il-ħsara li politikament kienu għamlu l-Krumiri ta' l-1880 u l-*quislings *tal-bieraħ. Membru li jħammeġ idejh bil-linka ta' pinna miblula bis-semm, barra milli jbaxxi l-karattru tiegħu fil-għajn tan-nies, ikasbar ukoll ġiehu bħala kittieb.*

*   *   *

*Jisgħobbina nistqarru illi aktar ma l-Għaqda miexja 'l quddiem u ż-żgħażagħ, barra mill-ħeġġa, qed juru l-ħila tagħhom f'kull fergħa ta' xogħlijiet letterarji, ibda mill-proża novelliera sal-proża drammatika, mill-poeżija lirika u ċajtiera sal-poeżija leġġendarja, epika, eċċ., iktar qiegħda tidher f'xi wħud id-dawwa ta' tfantis newrotiku li tinfexx f'rappresalji ġornalistiċi għax forsi jkun dehrilhom illi f'arbitraġġ letterarju xogħlhom ma kienx stmat skond il-ħaqq u għalhekk jaħsbu li fl-ambizzjoni letterarja tagħhom huma ħadu daqqa ta' ħarta, u li l-ħila tagħhom, fejn ta' oħrajn li sebquhom, hija ogħla u għalhekk tistħoqq ġudizzju aħjar.*

*F'tellieqa letterarja hemm it-tellieqa u hemm ir-rebbieħa; hemm lil min il-kriterju ta' ġurija ma tagħtih ebda mertu u lil min tagħtih mertu inqas minn ħaddieħor, fil-waqt li min itellaq*

*jidhirlu li ma kellux jitlef jew li l-mertu tiegħu huwa ogħla minn ta' ħaddieħor. Iżda, hu xinhu l-kriterju ta' ġurija, għad-dixxiplina, li mingħajrha ebda idea ta' konkors letterarju ma jista' jseħħ, jeħtieġ li min jidħol biex jikkonkorri għandu, fuq il-verdett ta' ġurija, ibaxxi rasu u mhux jippolemizza. Il-polemizzar, f'ħaġa bħal din, huwa kontra l-etiketta kavallereska tal-kittieb, u, il-kritika tiegħu, għalkemm jista' jkollha l-pontijiet tagħha tajbin, tagħmel għajb lilu nnifsu u ħsara lill-progress tal-letteratura.*

*Konkorrent, meta jidħol għall-kontestazzjoni, ikun wiegħed li għandu joqgħod għall-kriterju tal-ġurija jew aħjar tan-nies li jiffurmaw il-ġurija li għandha tiġġudikah; jekk ma jidhirlux li jagħmel hekk, aħjar ma jikkonkorrix. Hu ma għandu ebda jedd joħloq fil-kriterju tiegħu stess (fejn il-kunċett tiegħu stess jista' iktarx jagħmih) ġurija oħra li tiġġudika lilu nnifsu biex twaqqa' lil dik, li l-ħsieb tagħha bħala regula huwa li taqdi, bla ma tħares lejn wiċċ ħadd, id-dmir tagħha fl-interess kollettiv għall-progress tal-letteratura.*

*U bħalma f'għaqda jista', bħalma għedna, membru jagħmel ħsara lill-istess għaqda jew xirka bil-kritika tiegħu velenuża jew bil-għawi għal skopijiet ta' ambizzjoni jew għira, hekk ukoll konkorrent jista' jagħmel l-istess ħsara u jmewwet il-ħrara ta' dawk li jixtiequ. bi proġetti ta' konkorsi letterarji, imexxu 'l quddiem il-Malti fil-letteratura tiegħu.*

*Għalhekk inkunu rġiel u mhux tfal fil-għemil tagħna bħala membri tal-Għaqda u bħala kittieba meta nieħdu sehem f'konkors.*

---

# It-Teatru bl-Ilsien Malti

## (*Intervista tagħna ma' Giacinto Tua*)

*(Artiklu maqlub mit-Taljan minn E.S.I. kif deher [b'ritratt ta' Giacinto Tua] fil-"Giornale degli Scambi Nazionali e Internazionali, Affari e Rappresentanze" (SNIAR) ta' Ruma, fin-numru III — 12-13 tal-1 ta' Lulju, 1948)*

WARA bosta snin li konna ilna ma narawh, iltqajna dan l-aħħar, fl "Hotel Marini" ta' Ruma, ma' l-avukat Giacinto Tua, wieħed mill-personalitajiet intellettwali l-iżjed imsemmija ta' Malta. Giacinto Tua niftakruh tajjeb ħafna wkoll għal xi produzzjonijiet ta' interess letterarju għoli li juru t-tagħmira artistika mhux komuni li għandu.

Konna nafu li f'Malta, minn xi ftit taż-żmien 'il hawn, fit-teatri ta' hemm, kienu qegħdin jinħadmu fuq il-palk xi xogħlijiet bil-Malti, u ridna nistaqsu lil Giacinto Tua fuqhom.

Min sata' jgħidilna aħjar minnu?

Aħna—li konna midħla ta' Roberto Bracco—għadna niftakru kemm dan is-Surmast kien jitħaddet b'għaxqa ta' qalb fuq il-ħila ta' Tua li miegħu kien baqa' dejjem jikkorrispondi.

Giacinto Tua qdiena fl-intervista tagħna bis-solta ġentilezza tiegħu: "Mhux biss", qalilna minnufih, "saru xi rappreżentazzjonijiet teatrali bil-Malti, imma xi wħud minnhom irnexxew ta' interess artistiku għoli, hekk li tlaqqa' Kumitat apposta, immexxi minn Nikol Biancardi, biex jagħmel konkorsi teatrali."

— "U d-djalett Malti tajjeb għal daqshekk?"

— "Ibda biex irrid ingħid ċar li l-Malti aktar minn djalett jista' jissejjaħ ilsien; u fuq jekk hux tajjeb, ingħidx hux, għad li forsi mhux tant fid-drammatiku daqs kemm fil-komiku fejn hu ta' effett mill-aqwa. Madankollu, is-suċċess imqanqal tal-pubbliku, u l-appoġġ xkett tal-Gvern komplew taw saħħa lil din l-inizjattiva li, narġa' ngħidlek, hi ta' min iqisha u jagħti kasha."

— "Mela, nittamaw li għad inkunu nistgħu naraw fl-Italja wkoll xi traduzzjonijiet ta' kummidjografi Maltin."

— "M'għandniex x'ingħidu, xi xogħlijiet jistħoqqilhom li jkun jafhom ukoll il-pubbliku tal-bliet il-kbar ta' l-Italja. X'uħud minnhom huma miktuba b'impenn kbir, u jimxu sewwa fuq il-

ħajja: xogħlijiet mimlijin teatralità, maħduma bil-għaqal u bis-sengħa, saħansitra, f'xi kasijiet, oriġinali.

— "Tassew?"

— "Mela le. Hemm xi kittieba li qed jagħmlu isem ġmiel-hom, bħaż-żewġt aħwa Ivo u Gino Muscat Azzopardi, Cassola, Erin Serracino Inglott, Guido Saliba u xi oħrajn, li jipprometttu ħafna.

— "Id-djalogu kif jittrattawh?"

— "X'uħud tajjeb ferm, bħal, ngħidu aħna, fil-produzzjo-nijiet ta' Cassola fejn hu b'mod speċjali, ħaj, ħafif, mibni tajjeb u jorbot. Oħrajn ukoll, iżda, għandhom djalogar ħafif u mexxej."

— "Imma semmejt ukoll xogħlijiet oriġinali. Min hu l-aw-tur f'dal-kas?"

— "L-aktar wieħed oriġinali fosthom kollha hu Erin Ser-racino-Inglott li jġagħlek tammirah għal ċerti 'trovaturi' tiegħu arditi, u għal ċerti idejiet ġenjali."

— "Insomma, int tħoss li dan it-teatru Malti għad jirnex-xi sewwa."

— "Iva."

— "U tagħtih sehmek ukoll, eh? Inti, issa, ilek komme-djografu famuż!"

— "Jiena miniex ħlief 'appassjonat' tat-teatru. Imma, kif taf int, nagħżel iżjed id-drammatiku. Ma ngħidx li ma għadx forsi nikteb xi ħaġa bil-Malti wkoll, imma ġa għamilt xi impenji għal żewġ produzzjonijiet teatrali fl-Italja: waħda għall-kumpan-nija magħrufa, u oħra għar-Radjo."

U dan il-ħabib tagħna simpatiku ħadilna b'idejna bil-qalb, bħalkieku ried igħidilna li dik l-intervista kienet spiċċat.

# Mid-Djarju Tiegħi

(*Ta'* Ġużè' Ellul Mercer)

*Il-Ħadd, 8 ta' Settembru, 1940.*
*"Il-Vitorja"*

FIT-TIFKIRIET bil-miktub tas-snin twal li qatta' l-ħabs minħabba l-fehmiet pulitiċi tiegħu, il-kittieb Taljan Silvio Pellico mar igħid li ma hemmx ħaġa li tnikktek aktar minn dik li f'waqt ta' hemm kbir tiftakar fil-hena taż-żmenijiet l-imgħoddija*.

Dan il-ħsieb għoli tal-Pellico rajt is-sewwa tiegħu bosta drabi f'dawn it-tliet xhur koroh li għaddew minn fuqna; u aktar u aktar f'xi jiem bħal dawk tal-bieraħ u tal-lum.

Il-Vitorja! Festa ta' kollha kemm huma l-Maltin; festa Nazzjonali mfakkra fl-imgħoddi bl-akbar wiri ta' qima għal mis-serijietna l-qalbiena; ta' mixegħla, ta' ferħ u ta' għors, l-aktar min-nies ta' l-Isla — il-lum saret jum ta' niket, ta' ħerba u ta' mewt.

Il-bieraħ filgħodu, uħud min-nies mill-Isla, li joqogħdu hawn f'Birkirkara fil-qrib ta' fejn noqgħod jien, ħassew d-dmir li mqar għal dawn il-jumejn, jerġgħu lura lejn il-belt tagħhom biex iqimu lill-Madonna tal-Vittorji; u b'qalbhom ittaqtaq ir-ħewlha lejn l-Isla biex igħaddu dawn il-jumejn fi djarhom u f'pajjiżhom.

Jew għaliex it-Taljani għażlu għal ta' l-apposta dan il-jum, jew għaliex ix-xorti riedet hekk, fin-nofs siegħa ta' fuq nofs in-nhar sewwa, ġie mħabbar hawn f'Lascaris fejn naħdem jien, li ħamsa u tletin ajruplan Taljan kienu resqin lejna minn ġox-xlokk; u li kull min jista', jaqbillu jieħu kenn.

Il-ħbit beda ftit minuti wara. Jingħad li twaddbu 'l fuq minn 30 bomba esplosiva, ta' daqs aktarx kbir, fuq it-Tarzna, fuq l-Isla, fuq il-Birgu, lejn Ħaż-Żabbar u l-Kalkara.

Mix-xelter ta' Lascaris fejn kont jien, li jiġi biswit Sant'Anġlu sewwa, il-ħbit inħass ikrah; aħseb u ara x'ħassew dawk li kienu taħtu sewwa.

---

* Hekk ukoll il-poeta Dante li għanna:
*Nessun maggior dolor che ricordarsi*
*Del tempo felice nella miseria.*

Iġġarrfu l-Armerija, l-iskola tal-Gvern, u bosta bini ieħor.

Marija Pisani—ta' 27 sena—u tliet uliedha, ta' bejn sena u nofs u ħames snin, intradmu l-Birgu f'dar fejn kienu qed jieħdu kenn, u tilfu ħajjithom l-erbgħa. Min jaf x'ġarrab żewġ dik l-imsejkna—Ġużeppi—suldat f'riġment tal-Maltin, meta waslitlu aħbar hekk qalila!

Tnejn min-nies oħra, mara u raġel, indarbu sewwa u wara mietu. Għadd ta' nies indarab ħafif. Kien hemm, bħalma ġa għidna qabel f'dawn it-tifkiriet, min ħelisha tassew b'miraklu.

Wieħed minn dawn kien Ċikku Casaletto, minn l-Isla. Dan ma marx jieħu kenn xħin saffru s-sireni. Xħin in-nar beda jżid u sema' ħoss il-bombi fil-qrib, qatagħha li joħroġ mid-dar u jmur f'xelter. Waqt li kien qed jiftaħ il-bieb ta' barra, niżlet bomba fuq daru sewwa. Ġarrfet in-naħa ta' wara tad-dar, ġiet fuq sodda fil-kamra fejn qabel kien hu, faqgħet il-qiegħa ta' l-art, baqgħet neżla f'bir mimli ilma; u ma xkattatx. U Casaletto ħelisha b'qatgħa kbira biss.

It-tarzna ġarrbet xi ħsara, skond l-aħbar uffiċjali. Kif jista' jkun li le!

Min inqabad f'dan il-ħbit, twerwer. Dawk li kienu niżlu mill-irħula biex iqattgħu l-jiem tal-festa fl-Isla jew fil-qrib, reġgħu lura lejn djarhom ħin bla waqt, b'demmhom imħassar.

F'dan il-ħbit it-Taljani tilfu *bomber*. Intlaqat mill-kanuni ta' l-artilljeri Maltin, niżel il-baħar u għereq b'erbgħa min-nies fuqu.

Nhar l-Erbgħa li għaddew, 4 ta' Settembru, 1940, ħadt aħbar li ftit hawn min jaf biha, u li ħassbitni sewwa. Filgħodu kellna taqbida qrib Malta, bejn ajruplani Taljani u Ingliżi. L-Ingliżi qalu li t-Taljani marru minn taħt, tilfu *bomber* u aktarx żewġ ajruplani tal-ġlied.

Fis-sitta ta' filgħaxija reġgħu saffru s-sireni.

Minn fuq il-bieb tad-dar tiegħi, rajt seba' ajruplani, li ħsibthom Taljani, neżlin għal rashom, wieħed wara l-ieħor, x'imkien lejn ix-xlokk tal-Gżira. Billi f'dak il-waqt kien qed isir sparar qawwi fuqhom, ħsibt li ġew milqutin ilkoll mita rajthom jgħoddsu dritt ġo l-art. Iżda ma kienx hekk.

Smajt il-ħoss tal-bombi jixkattaw, rajt sħab ta' trab fl-ajru, u ftit wara, ilmaħthom telgħin qishom isqra, ħfief u lventi, wieħed wara l-ieħor: u bit-tiri kollha li kienu qalgħu reġgħu marru mnejn ġew.

L-għada ħadt l-aħbar li dawn kienu l-imsemmijin makni Ġermaniżi *Stukas*—ajruplani hekk imsejħin *għaddasa*—ħfief daqs talglied, jerħu l-bombi u jiġġieldu; u jimxu kemm iridu.

Tgħid bdew resqin lejna l-Ġermaniżi? Hawn "il-post" fejn naħdem jien, ma jaħsbuhiex hekk. Igħidu li aktarx il-bdoti ta' dawn l-*Istukas* kienu Taljani, imħarrġin mill-Ġermaniżi.

Xi nofs siegħa ilu—għal ħabta ta' l-*Ave Maria* jew ftit qabel—il-ġeneral Sir William Dobbie, Gvernatur ta' Malta, qal erba' kelmiet sbieħ fuq ir-*Rediffusion* biex ifakkar dan il-jum storiku. Xebbah in-niket u d-dwejjaq u l-qlubija ta' Missirijietna fl-1565, ma' dawk tagħna tal-lum. Heġġeġ lil kulmin kien qed jisimgħu biex jagħmel ħiltu, sakemm negħilbu dawn iż-żmenijiet koroh u l-egħdewwa li qed jitqabdu magħna; u qal li bil-għajnuna t'Alla l-Imbierek u bit-talb imħeġġeġ tagħna, għad nistgħu naslu biex inrażżnu lil dawn l-egħdewwa u nirbħu.

J'Alla jkun hekk!

## SETTEMBRU

(*Ta'* WALLACE GULIA)

Il-lum iż-żmien tal-qamħ li jroxx samrani
Mill-idejn ratba, taħt id-dell tad-dwieli,
Bil-għeneb mimli, tond, bl-inbid sakrani,
Li saff l-għajxien mill-art fil-jiem u l-ljieli.

Il-lum iż-żmien ta' baħar li bil-ħlewwa
Ifexfex fuq il-blat, u bħal jissajja,
Mal-qlugħ li jgħaddi fuq ix-xefaq sewwa,
Mimli bin-nifs, u jaqla' 'l bogħod mill-plajja.

Il-lum iż-żmien ta' qamar li jitbiegħed
Mill-art u jmut qalb il-ħajbur leqqien;
Mistħi, musfar, u qisu jrid jitqiegħed
Fid-dlam ħa jorqod, bgħid mill-ħsieb għajjien.

Irqad u Ħajja! U magħhom qed jitrabba,
Tilmaħ għasfur ipespes ġmiel l-Imħabba!

# Dawra f'Ta' Frankuni

(*Ta'* K. Fenech)

GĦADNI nisma' l-kliem t'ommi jdoqq f'widnejja donnha għad-ha qiegħda tgħiduli issa: "Ibni, fittex li tagħmilha ma' min hu aħjar minnek. X'jiswielek ħabib li ma jgħallmekx u ma jserraħlekx id-dieq ta' qalb mugugħa!" Jien kliem ommi dejjem haristu bir-reqqa u xewqitha naqqaxthom f'qalbi biex fil-mixja taż-żmien ma jkollix għax inħabbat fuq sidri bħal bosta żgħażagħ u ngħid: Haqqni għax ma smajtx minn ommi. Ħbieb, għalhekk, ftit li xejn qbadt, u dawk li qbadt tabilħaqq qgħadt b'seba' għajnejn li jkunu jistgħu jiswewli ta' gid kemm għal ruħi u kemm għal gismi.

Wieħed minn ħbiebi kien is-Sur Gużè, raġel li kemm domt ħbieb miegħu qatt ma naqas f'kelma waħda biss. Miegħu kont insib l-għaxqa ta' qalbi għax ma jgħaddix jum wieħed li ma tit-għallimx xi ħaġa minnu. Kien raġel li qara ħafna u kotba qalleb kemm felaħ u kull min fetaħ qalbu miegħu meta sab ruħu f'xi saram, is-Sur Gużè malajr ħarġu minnu b'wiċċ il-ġid.

Darba fost l-oħrajn, das-Sur Gużè ġie d-dar u qalli: "Habib, il-lum taf fejn immorru? Hemm tabib il-Manikomju ħabib tiegħi ħafna u nitolbuh iħallina nagħmlu dawra qalb l-imġienen." Bejn biex niċċajta u bejn għax, ngħid is-sewwa, bżajt immur qalb l-imġienen, jien għidtlu: "Ma jmurx xi ħadd minnhom jagħmel għalina hux?" Is-Sur Guże faqqa' daħka u qalli: "Inti għandek x'tagħmel ħalli mmorru?" F'kemm ili ngħidlek hej-jejt ruħi u tlaqna 'l barra.

Irkibna l-karrozza u f'radda ta' salib wasalna H'Attard. Kemm domna fuq il-karrozza s-Sur Gużè beda jfehemni kif għandi nġib ruħi, u wissieni li ma jmurx ifettilli nidħak waqt li nkunu quddiem xi wieħed mil-morda għax jista' jkollna xi ngħidu sewwa. Terġa', l-imħabba lejn għajrna ma tħallinix nagħmlu dan għax dawk morda.

Hekk kif dħalna, is-Sur Gużè sellem lil wieħed sinjur u baqa' miexi. Kif tbegħidna ftit qalli: "Dan taf min hu? Dan għadu kif sar tabib dis-sena, missieru tistagħġeb jekk ngħidlek li meta t-tifel kien għadu żgħir ma kellux għaxa ta' lejla. Imma dak li kellu nieqes f'butu kellu żejjed f'għaqlu. Raġel li tassew

tisthoqqlu kull fohrija għal kif rabba' 'l uliedu; u issa, kif qed tara qed jaħsad il-frott ta' għaqlu. Kien għadu anqas temm dan il-kliem is-Sur Ġużè li ma tfaċċax quddiemna raġel li mid-dehra tiegħu u minn kif kien liebes kien jidher li hu wieħed mill-morda.

Malli rajtu, jien ħadt qatgħa, ngħid is-sewwa, għax għidt mela l-imġienen hekk iħalluhom jiġru mas-saqajn! U jekk jagħmlu xi waħda minn tagħhom iduru għal xi ħadd! Fuq hekk dort lejn is-Sur Ġużè u staqsejtu jekk dak kienx marid jew le. "Iva", weġibni s-Sur Ġużè, "dan miġnun, imma taf il-għala jinsab jiġri hawn? Għax dawk li jkunu tajba u ma jkunx hemm biża' li tagħtihom xi siegħa tal-ġenn iħalluhom jiġru fl-isptar. Dawk li jkunu miġnuna sewwa u jkunu ta' qilla kbira, ikunu maqfula u ħadd ma jidħol ħdejhom. Dan li qed tara wieħed mit-tajbin u jekk tkellmu anqas biss ma tinduna li hu miġnun u tistagħġeb kif jinsab hawn. Dawn ikunu nies iffittati fuq ħaġa waħda biss, ngħidu aħna, ikunu waħħlu f'moħħom xi ħaġa u kull darba li jaħsbu fiha tagħtihom is-siegħa tal-ġenn, iżda mbarra f'dan il-waqt dejjem jirraġunaw daqsna."

Sa kemm is-Sur Ġużè qal dal-kliem, jien bqajt nissamma' għal dawn il-praspar, u rajt li s-Sur Ġużè jifhem sewwa fejn daħal u, li għalkemm dan kien miġnun, m'hemmx għalfejn wieħed jitbażża' aktar milli jmissu. Hekk kif kont qed naħseb illi ma għandix għalfejn nibża', f'daqqa qabditni rogħda kbira għax ilmaħt raġel ieħor mill-morda riesaq igħaġġel lejna u jgħajjat: "Bonġornu sinjur, bonġornu għalikom. Xi tridu minn hawn? Żgur ġejtu biex idduru l-isptar! Imxu miegħi." Ma ngħidilkomx kif qalbi għamlet tikk għal dan il-kliem ta' dan il-miġnun u tassew li tħawwadt għall-aħħar. Is-Sur Ġużè, meta rani hekk għemiżni u qalli minn taħt il-lsien li ma għandix għalfejn nibża' u issa la dan jixtieq idawwarna ma ngħidulux le, għax jista' jieħu għalih u tagħtih xi siegħa.—"Dan malajr neħilsu minnu malli niltaqgħu ma' xi tabib jew ma' xi servjent, għax ħadd ma jista' jdur l-isptar hekk. Dawn qatt tmur kontra xewqithom", qalli s-Sur Ġużè. — "X'għadna ħabib," wieġeb is-Sur Ġużè. "Donnok bassâr. Dan kif taf li aħna ġejna biex inżuru l-isptar?"—Għadek ma tafx min jien int għalhekk, u anqas ngħidlef kif naf, għax kieku kont taf min jien ma kontx tistaqsini kif naf. Tridu tiġu miegħi dduruh kollu?"—"Bil-qalb kollha niġu, għala le", wieġbu minnufih is-Sur Ġużè.

It-tlieta qbadna bħal daħla ċkejkna minn ġol-ġnien u ġejna fejn sala. Kien hemm xi erbgħa min-nies jiġru 'l hawn u 'l hemm, fosthom tnejn mix-xeħta servjenti. "Dawn ara" beda dal-miġnun li kellna magħna, "dawn nies li trid tassew tibża' minnhom, għax qalbhom ta' l-azzar. Ma jħennu għal ħadd, iqisu rashom biss, u jaqbel li nwarrbu minn hawn li ma niksirhiex ma' xi wieħed minnhom." "Il-Bambin jibgħatha tajba", għidt bejni u bejn ruħi, "dan lest għall-ġlied." "Intom tafu", issokta dal-miġnun, "ma għandniex xi ngħidu, hawn hu l-isptar ta' l-imġienen, u għalhekk, ma għandkomx għax tistgħagħbu la nibda nsemmilkom fuqiex huma iffittati dawn in-nies. Ara, ħarsu lejn dan li ġej u tħalluhx jarakhom għax dan bniedem jekk tħares lejh jaħseb li biex tidħak bih. Dan kellu l-mara xi għaxar snin iżgħar minnu, u darba fettillu għer għaliha talli kienet iżgħar minnu. Ried jara kif jagħmel u 'l din l-imsejkna mara jxejjaħha daqsu. Inti, kien igħidilha, bħala marti jeħtieġ li tkun ta' l-età tiegħi. Mhux sewwa li xagħri abjad u wiċċi tkemmex u tiegħek le. Jew marti f'kollox jew m'intix. Fuq hekk dan ried jiżbgħolha xagħarha abjad u jkemmxilha wiċċha billi jpinġihulha. U mhux darba u tnejn tah dal-ġenn u ried iwettaq ħsiebu. Darba minnhom ħataf sikkina f'idu u heddeд lil martu li jekk ma tismax minnu jinfidha. Din tistgħu taħsbu kif twerwret u, għalhekk, kellha turi dil-biċċa lill-pulizija. Bessquh quddiem it-tabib u tellgħuh hawn għall-arja. Bħalissa tista' tkellmu kemm trid u ma jidher li għandu xejn; biss ara tkellmu fuq in-nisa għax ifur u tagħtih is-siegħa."

Meta jien bdejt nisma' dal-kliem irġajt għal bejni u bejn ruħi: "Milli jidher dan il-bniedem mhux miġnun għax kif qiegħed jitkellem jagħtik x'tifhem li hu f'sensih sewwa." "Xi kemm taħseb li hemm nies hawn ġew?", staqsa f'daqqa s-Sur Ġużè. "Ngħidlek is-sewwa, ma nafx għax jekk ngħidlek inkun nigdeb u ma jixraqx li jien nigdeb; għax inkella...... mhux talli hekk, talli jiena anqas biss nista' nigdeb. Dan l-isptar huwa kbir ħafna u l-morda huma bla għadd; għax min iffittat fuq ħaġa u min fuq oħra."—"Gie li kien hawn min ħareġ minn hawn, jiġifieri fieq għal kollox?" staqsa s-Sur Ġużè. "Mela le, mhux wieħed u tnejn li kien hawn, imma, ħares, la l-moħħ ikun ħass xi ftit, ma jerġax għalli kien kif ġib u laħaq. Kemm ili hawn, jien niftakar żgur daqs tmienja, fosthom kien hemm wieħed li

kien waħħalha f'moħħu li hu xortih ħażina, għalhekk ried joqtol ruħu b'idejh. Imma dan billi kien ġenn ta' ftit ġranet malajr għaddielu. Kien tah il-ġenn għax deherlu li kellu jirbaħ il-lottu, kiteb tliet numri fuq it-tweġid ta' tarbija li kellu. Darba oħra niftakar, jaħasra, tassew li kont nitħassarha, xbejba ta' xi tmintax-il sena, iġġennet fuq il-mewt t'ommha. Dehrilha li ommha ma kellhiex tmut u meta ġew biex joħduha bdiet tagħmel għal kulħadd. Imbagħad baqgħet tiffitta u tiffitta sakemm rebaħha hawn fuq. Wara waħħlitha f'rasha li ma tridx tiekol jekk ma jġibulhiex 'l ommha, u f'kemm ili ngħidlek inqerdet. Flok ħarġet ħarġuha, miskina. Din hi d-dinja. Dinja kelba u kiefra."

Minn fejn konna, tlajna ma' l-erbgħin tarġa u ġejna għal kuritur twil twil minn fejn dan il-miġnun li kellna magħna beda jġagħalna nittawlu fi twieqi u jurina xi miġnun u jgħidilna l-ġrajja tiegħu kollha kemm hi. Waqt li konna mixjin, jien bdejt nisma' bħal twerżiq irqiq irqiq, u daqqa bdejt nieqaf nissamma', daqqa donni rrid nistaqsi lil dak li kien imexxina x'inhu dan it-twerżiq, imma ma kellix ħila niftaħ fommi nistaqsi xejn, meta, għall-għarrieda s-Sur Ġużè waqaf mill-mixi, u qal lil dak il-miġnun: "Isma' dan it-twerżiq x'inhu, tgħid ġiebu 'l xi ħadd ġdid hawnhekk?" "Tidhru li ma intomx imdorrija hawn fuq għax kieku kontu tkunu tafu. Dan hu twerżiq ta' mġienen li huma ta' qilla kbira u għalhekk jaqfluhom fi kmamar għalihom u meta tagħtihom is-siegħa jibdew iwerżqu kemm jifilħu." Hawn waqafna u ttawwalna minn tieqa li tagħti għal bitħa ġo l-isptar. Dan il-miġnun li kellna magħna ra lil xi ħadd u waħħal f'moħħu li ried jinżel isfel malajr fil-bitħa. "Alla magħna", qalli s-Sur Ġużè minn taħt l-ilsien, "issa waslet is-siegħa tiegħu, tgħidli qabli." Aħna biex ma niksrulux qalbu nżilna miegħu fil-bitħa. Jien il-ħin kollu nitlob 'l Alla li jeħlisna minnu u fl-istess ħin nisħet il-waqt li ltqajna miegħu. Kif wasalna jurina raġel u qalilna: "Qed taraw lil dak ir-raġel oħxon f'nofs din il-bitħa? Dak miskin iffitta u jrid igħid li hu Napuljun. Ara meta l-bnie-dem iwaħħal ħaġa f'moħħu... Ma jafx jaħasra li Napuljun huwa jien u alla jħares jiġi jgħidli le." Kif kien qed igħid hekk tfaċċa wieħed mit-tobba, li wara sirt naf li kien dak il-ħabib tas-Sur Ġużè, u dan il-miġnun għab bla ma nafu kif u fejn.

# Wara Sidu sal-Mewt

(*Ta'* A. Cremona)

HADD ma kien baqgħalhom ħabib ħlief il-Fox, il-kelb li kellhom mir-razza tal-klieb ta' Terranova, għoli, bil-pil twil, lewn kannella ċar, widnejn twal, għajnejn suwed. Kienu rabbewh ċkejken b'għożża kbira, billi kienu sabuh taħt ħajt ta' għalqa jingħi, imterter bil-bard, meta Ġolinu kien darba ma' missieru ħareġ jiġbor l-egħkierex, wara ħalba xita fil-bidu taxxitwa. Ġolinu kien ġabru u għamlu f'ħobbu biex jisħon u baqa' jisqih il-ħalib u jitimgħu sa ma tfarfar u sar daqsxejn ta' ġeru ġmielu. Kull fejn imur erħilu l-kelb jiġri għal warajh. Ġolinu minn tifel ta' erba' snin kien kiber u laħaq id-disa' snin. Fox kien kiber ukoll u iġġissem ġmielu għax l-ewwel ma jiekol hu, imbagħad Ġolinu. Ġolinu xejn ma kien jinżillu mingħajr qabel ma jdewwaqha lil Fox.

Missier Ġolinu, li għamel ħabta jaħdem bit-trakk fl-inħawi tal-kwartieri tas-suldati ta' ......... dlonk kont tarah ġej lejn id-dar b'qartas oħxon ta' fdalijiet ta' laħam u patata għal Fox ta' Ġolinu, u Fox erħilu jibla' u jeħġem daqs nagħma u jferfer denbu u jifraħ b'sidu ċ-ċkejken.

Kienet faqqgħet il-gwerra li magħha ġiebet għaks kbir. Fiddar naqas il-ħobż u mal-ħobż ħwejjeġ oħra ta' l-ikel, mil-laħam sas-sardin : in-nies ma kinetx issib x'tiekol ħlief fażola mgħollija u ħwejjeġ ippreservati : *bully beef* tiela' u aringi biz-zalza nieżla u minnu kien jeħtieġlu jiekol il-kelb. Il-għaks dlonk beda jidher fih ; il-kelb beda jogħlob bis-sigħat u Ġolinu, kollu ħosbien, iħares lejn il-ħabib tiegħu u kultant taqbiżlu xi demgħa meta jara lill-kelb iħares lejh bil-ħniena fil-waqt li jkun qed ilaqqat mill-platt il-frak tal-laħam jew ta' aringi ippreservati, u, wara li jitfagħlu xi loqma ħobż imċappsa bil-grass ta' dak il-laħam jarah jixxabbat ma' saqajh sakemm, qalbu maqtugħa, jinxteħet fejn riġlejh u jogħnos.

Ġolinu kien tassew iħobbu lill-kelb u l-kelb kien tassew iħobb liċ-ċkejken sidu, iktar u iktar, mindu sidu kien tilef lil missieru u ma kienx baqagħlu fid-dinja ħlief 'l ommu.

Missier Ġolinu, malli faqqgħet il-gwerra, ma kienx baqa' bil-bhima u bil-karrettun jagħmilha ta' burdnar. Ix-xogħol tal-ġarr bil-bhima kien naqas mindu għat-tagħbijiet tal-merkanzija kienu daħlu t-trakkijiet. Il-ġwież kien naqas u għola u minnufih biegħ

il-bhima. Tgħallem isuq it-trakk u beda jaħdem ma' kuntrattur tas-Servizz ta' l-Ajru, li kellu f'idejh xi xogħlijiet ta' bini, ħatt u taħfir ta' xeltrijiet f'Ħall Far. Darba waħda fil-bidu ta' l-attakki mill-ajruplani tal-Ġermaniżi, fil-waqt ta' attakk qawwi tal-għadu fuq l-ajrudromi ta' Ħal Luqa u Ħal Far, l-imsejken ta' missier safa' mejjet bir-riħ ta' bomba mitfugħa ftit 'il bogħod mill-bokka ta' xelter fil-waqt li kien tielaq jiġri biex jistkenn.

Ġolinu kien joqgħod m'ommu fl-inħawi tal-Marsa; l-iskola fejn kien imur jitgħallem kienet għalqet u ommu daħħlitu jitgħallem is-sengħa ma' wieħed li kellu maħżen tat-tiswijiet ta' karrozzi u *motor cars*, f'qiegħ il-Marsa. Ommu, Mananni, ta' dwar erbgħin sena, kienet tmur taħsel fid-djar u hekk, b'dik ix-xi ħaġa ċkejkna li ħarġilha l-Uffiċċju tal-Gwerra fuq it-telfa ta' żewġha waqt ix-xogħol u b'dak li kienet taqla' bil-ħasil kienet iġġannat biex tgħix ħażin ħażin hija u binha f'dawk iż-żmenijiet ta' għaks u għoli ta' ħajja. Iżda binha Ġolinu ftit kien iħabbel moħħu meta kien ikollu jnaqqas minn żaqqu biex jitma' lil ħabibu tal-qalb, lil Fox. Fox, mill-banda l-oħra kont tarah madwar sidu dejjem, ħlief meta dan kien ikun il-maħżen.

Kull filgħodu, malli Ġolinu jitlob il-barka t'ommu u jitlaq għax-xogħol, Fox jibda jferfer denbu, jimxi għal warajh, iżda jibqa' jħares lejh sakemm Ġolinu jagħtih f'ħalqu s-sorra li fiha ommu tkun għamtitlu l-ħobż u xi ħaġa oħra biex iġewweż biha.

Malli jaslu quddiem il-bieb tal-maħżen, Fox jieqaf u jibqa' jħares lejn sidu sakemm dan joħodlu s-sorra minn ħalqu. Hekk kif sidu jidħol ġol-maħżen, Fox jarġa' jitlaq jiġri lejn id-dar.

Fox fil-waqt li jkun qed iġorr dik is-sorra ta' sidu ma kontx turih biċċa laħam jew xi biċċa għadma u jitlaqha fl-art biex jaħtaf il-biċċa laħam jew għadma li tagħtih. Dik il-biċċa xogħol kien wisq għajjur għaliha u miskin int tmur tinbxu jew tfixklu fiha. Darba waħda li tifel biex jiċċajta mar ħataflu għalgħarrieda dik is-sorra minn ħalqu, ħebb għalih, u, li kieku t-tifel ma telaqx fl-art is-sorra minnufih u Ġolinu ma marx jaqbad lill-kelb mill-kullar, il-kelb kien iċarratlu ħwejġu u idejh.

* * *

Il-gwerra ta' l-ajru kienet fl-aqwa tagħha fl-inħawi tax-xtut tal-Mediterran, bejn Sqallija, Malta u t-Tripolitanja. Ma kenitx tgħaddi ġurnata li l-ajruplani Ġermaniżi ma kinux jagħmlu l-attakki tagħhom fuq l-ajrudromi ta' Ħall Far u Ħall Luqa u fuq

il-Port meta jilmħu bastiment dieħel Malta. Kienet il-ħabta li Malta kienet qiegħda tistenna minn waqt għal ieħor xi bastimenti bil-proviżjonijiet li dlonk kienu skarsaw x'ħin fil-bogħod deħru ġejjin qajla qajla ifeġġu minn ġewwa sħaba ta' dħaħen tliet bastimenti mdawrin b'żewġ bċejjeċ tal-gwerra għassa magħhom. F'daqqa waħda, bħal isqra deħru neżlin għal fuqhom tliet ajruplani tal-għadu. Fis-smewwiet ma kontx tara ħlief mewġ ta' sħab iswed u abjad minfud minn sriep ta' nirien u ma kontx tisma' ħlief it-tfaqqigħ ta' balal tal-kanuni. Minnufih bħal maħrubin minn ġewwa dak l-infern ta' nirien daħlu fil-Port għal ġewwa l-Marsa t-tliet bastimenti. L-ajruplani tal-għadu nħbew għalkollox; iżda ma damux ma reġgħu deħru fuq id-daħliet tal-Marsa hekk kif l-ajru ssaffa, u bdew jixtħu xita ta' balal fuq bastimenti, braken u mħażen. Dak in-nhar l-attakki baqgħu sejrin għal sigħat sħaħ sa wara nofs in-nhar.

* * *

Mananni, omm Ġolinu, dak in-nhar kienet għodu għodu telqet lejn ir-Rabat biex taħsel għand nies li fi żmien il-gwerra kienu telgħu jistkennu hemmhekk mill-attakki tal-għadu u li qabel il-gwerra kienu joqogħdu Bormla fejn Mananni kienet soltu tmur taħslilhom. Hija u nieżla għal fil-għaxija fuq il-karozza biex tingabar lejn darha kienet semgħet lil xi nies isemmu l-ħsarat li saru dak in-nhar bil-bombi tal-għadu fuq il-Port u fl-inħawi tal-Marsa fejn il-vapuri li waslu mgħobbija bil-proviżjonijiet kienu daħlu biex iħottu. Hija kienet sajma minn kollox għax dawk l-attakki hekk ħorox qajla nħassu lejn ix-xaqliba tal-punent tal-Gżira, l-iktar fl-inħawi ta' l-Imdina, fejn hija kienet qiegħda taħdem. Għaddielha mitt ħsieb minn rasha, qabadha bħal taqtiq ta' qalb u keilha mitt sena biex tfittex tasal f'darha. Lil Ġolinu kienet ħallietu fis-sodda qabel ma telqet kmieni lejn ir-Rabat u ewl il-lejl kienet ħallietlu s-sorra bl-ikel. Ġolinu minn filgħaxija kien qafel il-kelb fil-bitħa ġewwa l-kamra ta' l-injam biex dan filgħodu ma jmurx urajh.

— "Naħseb li Ġolinu telaq kmieni minn fuq ix-xogħol imħabba l-kelb, li min jaf kemm iddejjaq waħdu, miskin", qabdet taħseb. Iżda dlonk għaddiet minn moħħha bħal sħaba sewda li tefgħetha f'baħar ta' swied il-qalb. — "Min jaf tarġa' Ġolinu, x'għamel, fejn mar jistkenn f'dawk l-attakki? — Min jaf laħaqx ħareġ — min jaf il-balal tal-għadu laqtux il-maħżen?"

B'dan it-taqlib ta' ħsibijiet koroh, waslet mingħajr nifs lejn it-trieq ta' darha u ,malli kienet għoddha laħqet biebha laħquha xi nies ġirien tagħha biex jistaqsuha fuq binha li kien għadu ma ngabarx.

Mananni nħasdet; demmha kesaħ u lsienha ma setgħetx tħarrku bit-tkexkixa li ħasset ma' ġisimha kollu. Riedet twieġeb u tistaqsi, iżda ma felħetx tiftaħ fommha; fl-aħħar telqitħom bla kliem u resqet lejn il-bieb ta' darha mitlufa minn sessiha. Bir-rogħda f'idejha daħħlet il-muftieħ fit-toqba tas-serratura u fetħet. Kien għadu ma dalamx; kullimkien magħluq: it-tieqa, il-bieb tal-bitħa. Binha ma kienx jidher li daħal. Mal-passi tagħha, semgħet it-tħarbix ta' saqajn il-kelb li wara ftit semgħetu jingħi wkoll. Dlonk fetħitlu u hu kollu ferħan beda jferfer denbu u jitla' magħha u jdur mal-kmamar biex ifittex lil sidu.

Żewġ nisa mill-ġirien, l-iktar ta' ġewwa, daħlu warajha. "X'waħda din! Għadu ma ġiex", infexxet tgħid b'nifisha maqtugħ u ħarset lejhom biex donnha tisirqilhom minn għajnejhom xi ħaġa li huma ma xtaqux igħidulha. — "Imma tgħid ġralu xi ħaġa?" — staqsiet kollha miblugħa. Iż-żewġ nisa ħarsu lejn xulxin bla ma fetħu fommhom. Mananni nxteħtet fuq is-siġġu ta' fejn is-sodda u nfexxet tibki. Ħbiebha daru magħha u, mill-aħjar li setgħu, bdew ifehmuha li m'għandhiex għalfejn timla rasha u li forsi binha għadu l-maħżen jew mar igħin lil xi nies li ġratilhom xi ħsara fil-bini.

Il-kelb, wara li qagħad ifittex fl-irkejjen kollha tad-dar u jxammam 'l hawn u 'l hinn, ħareġ mill-bieb u telaq b'ġirja waħda lejn il-Marsa.

* * *

Fox wasal, jew għalih kien wasal, quddiem il-maħżen fejn kien jaħdem sidu. Iżda, flok maħżen, sab ħerba ta' ġebel imwaqqa'. Ix-xemx kienet waslet biex tgħib u d-dija fietla tagħha kienet għadha tnemnem fuq l-inħawi ta' dak il-bini mwaqqa' mill-balal tal-għadu. Fox waqaf bħal imħasseb, imbagħad beda jdur madwar dak il-ġebel u jingħi bħal donnu jrid jitkixxef kif kien dak il-maħżen fejn kien jaħdem sidu m'għadux wieqaf; imbagħad waqaf iħares lejn il-kotra tan-nies imxammra b'sidirha miftuħ li kienet qiegħda tqalleb u tqanqal il-ġebel u tnaddaf id-debris bil-pala, bil-qfief u tħarrek u tarfa' l-ġebel b'għodod ta' l-idejn, bi gruwiet, b'wenċijiet u b'makni oħra ta' l-irfigħ. Ma'

dawn il-ħaddiema kien hemm xi nies ta' l-A.R.P., kif ukoll nies oħra, fosthom infermieri, li waslu bl-ambulanzi tagħhom.

Fox donnu ntebaħ u fehem għaliex dak ix-xogħol kien qed isir u dlonk indehes fosthom ixammem 'l hawn u 'l hinn fil-fetħa ta' kull ġebla li kienet qiegħda titqanqal minn dawk in-nies. Fox ma kellux sabar: beda jiġri 'l hawn u 'l hinn ideffes geddumu f'kull xaqq, sakemm waqaf quddiem borġ ġebel li f'ġenb wieħed kellu bħal fetħa ta' wisa' li fiha Fox sata' jdaħħal geddumu sewwa. Waqaf, daħħal geddumu u ttanta jdaħħal rasu wkoll, iżda ma satax; infexx iħarbex b'saqajh biex iwassa' t-toqba minn taħt, iżda wara li tajjar kemm trab sab maddawra, dlonk feġġet ġebla kbira. Meta ra li ma rnexxilux idaħħal rasu, rafa' għajnejh, ħares bil-ħniena lejn in-nies li kienu qegħdin jaqilgħu, iħarrku u jnaddfu u beda jinbaħ kemm jiflaħ u jingħi. Kull min kien għaddej waqaf iħares lejh, u l-ħaddiema meta rawh li baqa' jinbaħ b'għajta u tinwiħa li kienet donnha qed issejħilhom għall-għajnuna, intebħu li dak il-kelb xamm xi ħaġa taħt il-ġebel fejn kien qiegħed jinbaħ. Xi ħadd li kien minn dawk l-inħawi dlonk għarfu u qal lill-ħaddiema li dak kien il-kelb ta' tifel li soltu kien jaħdem f'dak il-maħżen l-imwaqqa'. Ma damux wisq biex jifhmu li kien jeħtieġ iqanqlu dak il-borġ ġebel għax taħtu kien hemm xi ħadd mardum li ntebaħ bih il-kelb. F'kemm trodd salib l-idejn ta' dik iċ-ċorma nies bdew iqanqlu u jnaddfu ġebel u terrapien sakemm feġġet fetħa hekk kbira li minnha seta' jgħaddi raġel. Ma damx ma nstema' bħal krib u qabel ma daħal ħadd minn din it-toqba, il-kelb qabeż qabża għal ġewwa fiha u ma deherx iżjed. Erbgħa min-nies, wieħed wara l-ieħor, niżlu ġewwa fiha bil-fanali f'idejhom, fil-waqt li oħrajn komplew iwarrbu l-fetħa. Wara xi ftit tnejn minn dawk in-nies ħarġu mgħobbijin b'tifel imċappas kollu dmija. Wiċċu bil-kemm kien jingħaraf għax id-demm li kien hiereġ minn rasu kien għattihulu. Għajnejh kienu mbexxqin. Il-kelb kien miexi wrajh, iferfer denbu u moħħu biex jagħti s-salt u jaqbeż fuqu, iżda dawk iż-żewġt irġiel dlonk refgħuh malli resqet l-ambulanza u ż-żewġt irġiel l-oħra, flimkien man-nies ta' l-ewwel għajnuna, meddewh fuq katalett u daħħluh fl-ambulanza.

Dak it-tifel kien Ġolinu li ma kienx laħaq ħareġ mill-maħżen meta għalgħarrieda kien sar attakk mill-għadu u nxteħtu l-bombi fuq il-bini.

Malli l-bieba ta' l-ambulanza nghalqet u nstemghet l-ghajta tal-''horn'' u r-roti bdew jitharrku, il-kelb beda jinbah u telaq bhal berqa ghal wara l-ambulanza li b'girja wahda hadet ir-rotta ta' l-isptar. Hekk kif l-ambulanza waqfet quddiem il-bieb ta' l-isptar u l-irgiel hargu l-katalett bil-korrut u dahhluh fl-isptar, il-kelb habat isuq ghal wara sidu, iżda dlonk sab ruhu minn barra. Il-kelb qaghad ihares lejn dak il-bieb hekk kbir li minnu ma hallewhx ighaddi, jitlob bil-hniena f'ghajnejh li jista' jidhol, iżda dawk l-ucuh imqita li dehru fuq il-bieb ghassa tieghu qatghulu qalbu; u meta beda jidlam u ra li sidu ma ragax tfacca, qata' jesu u kiebi kiebi qabad it-trieq ghal dar sidu.

* * *

Meta Fox wasal id-dar ta' sidu, omm Golinu kienet diga hadet l-ahbar li binha sabuh mirdum qalb il-gebel imwaqqa' tal-mahżen tax-xoghol u li garrewh lejn l-isptar. Qalulha wkoll kif sabuh b'rihet Fox li xamm li sidu kien mardum taht il-gebel tal-mahżen u kien iktarx jibqa' mejjet hemmhekk li kieku ma kienx il-kelb.

Malli lemhitu qabżulha d-dmugh, hasset li l-gibda li kellha lejh iżjed kibret u tbiddlet f'daqqa fl-akbar ghożża. Qalbha fiddinja ma kenitx marbuta hlief ma' binha u mal-kelb. Jekk titlef il-wiehed u l-iehor ma jkun fadlilha lil hadd li ghalih tibqa' tghix fid-dinja. Hi kienet ghadha ma taf xejn fuq il-hsara li gralu t-tifel taghha, biss li kienu qalghuh u gabruh b'xi qasma f'rasu u li hu kien ghadu haj.

Ghalhekk kienet fuq ix-xwiek biex jisbah l-ghada u tmur tarah l-isptar mal-gara li dik il-lejla baqghet maghha biex tfarragha.

...

Il-kelb b'rasu mghaddsa, malli dahal id-dar, dar dawra malkmamar, resaq lejn il-bieqja ta' l-ikel, iżda dlonk wera li ma kellux aptit, twarrab minnha u baqa' sejjer fil-kamra ta' sidu; inxtehet f'rokna, tkebbeb, dahhal rasu bejn saqajh u fittex li jaghlaq ghajnejh u jorqod; iżda ghajnejh baqghu mbexxqin, u, ma' lanqas hoss li kien jisma' wara l-bieb ta' nies ghaddejja bil-lejl, kien iqajjem rasu, jarga' jghaddasha u jibqa' b'ghajnejh imbexxqa.

* * *

L-ghada Mananni, flimkien mal-gara taghha, sebhet l-isptar ma' hogor is-sodda ta' binha li kellu rasu u ghonqu infaxxati u

minn wiċċu ma kellu jidher xejn ħlief għajnejh, imnieħru, ħaddejh u ħalqu.

Għajnejh kienu mbexxqin, iżda kultant jiftaħhom u jaqlibhom bi ħniena fuq ommu; xufftejh koħol u qajla jitħarrku. Fejn ras is-sodda kien hemm komodina, bil-wiċċ miksi b'biċċa għażel abjad, salib u żewġ gandlieri bix-xemgħa tixgħel. Ma' ġenb ommu u l-ġara kien hemm is-soru wieqfa b'idejha marbuta ssabbħar lill-omm li nfexxet tibki meta rat lil binha hekk magħdur li ftit kien hemm tama li jgħix. Hi flaħħar ma felħetx taraħ jaqleb għajnejh u jħares lejha donnu jrid ikellimha u ma jistax. Resqet wiċċha ma' wiċċu, bisitu u mal-bewsa t'ommu xufftejh tħarrku: "Ma..." qal b'leħen mitfi... "Fox... fejn hu... Fox" u iżjed xejn ma qal.

* * *

Dak in-nhar ommu reġgħet marret iżżur lil binha mal-ġara; iżda Ġolinu din id-darba ma fetaħx għajnejh u lanqas ħarrek xufftejh. Il-qassis kien ġej u sejjer jittawwallu. Meta reġgħet lejn darha kien għoddu dalam u d'onk inxeħtet fuq is-sodda bilħwejjeġ fuqha. Il-ġara saħħnitilha ftit tè biex għallinqas ma torqodx b'xejn, għax xejn ma riedet idduq u qagħdet bilqiegħda ma' ġenb rasha tgedwed ir-rużarju u titlob għal Ġolinu.

Fox kien mixħut fuq is-sodda u kien ilu ma jduq minn dik il-lejla li ħadu lil sidu l-isptar. Kultant kien iqum, jinżel missodda, idur mal-kamra u jibda jingħi; isib rokna, jimtedd, iżda wara ftit, iqajjem rasu, iħares lejn is-sodda ta' sidu, jitla' fuqha, jitrekken u jittanta jagħlaq għajnejh.

Kien għoddhom saru s-sagħtejn ta' bil-lejl, x'ħin f'dik ilħemda ta' dik id-dar ta' dwejjaq u qtigħ il-qalb li ma ħallew lil ħadd jagħlaq għajn f'għajn instama' d-daqq qawwi ta' l-arloġġ tal-knisja, li fejn dari kien jwennes bil-leħen tiegħu, dik il-lejla kien donnu ried jikser in-nagħsa ta' min, qalbu ttaqtaq, kien għadu jogħnos, u jheddu b'xi aħbar ħażina. Wara ftit bħal kieku biex jissieħeb ma' dak il-leħen li baqa' jidwi fis-skiet ta' l-ajru instama' l-krib, imbagħad bħal għajta twila twila tal-kelb mixħut fuq is-sodda ta' Ġolinu ma' ġenb l-imħadda.

Mananni fetħet għajnejha. Rożi, il-ġara, li kienet mimduda fuq mitraħ fl-art f'riġlejn is-sodda ta' Mananni wkoll qajmet rasha. "Il-kelb", qalet, "qed joħlom!"

— "Mhux joħlom, Roż, mhux joħlom" wieġbet Mananni.

"Dak qed jibki lil Golinu. Min jaf dal-ħin...!" u nfexxet tibki. — "Orqod Mananni..., ħallik minn-biki.... Sa fil-għodu, għandu mnejn issibu aħjar," issuktat tgħidilha Rożi.

Iżda l-kelb raġa' beda jokrob u wara ftit għajjat għajta twila twila, li kellha minn bikja ta' qalb maqsuma.

Imbagħad waqa' bħal skiet miksur biss mill-ilfiq ta' l-omm.

Id-dalma ta' dik id-dar tan-niket kienet miksura minn dawl inemnem b'tazza biż-żejt quddiem ix-xbieha qadima ta' Madonna tad-Duluri fuq kredenza qadima fil-kamra tar-rqad ta' Mananni. U dak id-dawl kien beda jteptep u juri li sa jintefa x'ħin instemgħet taħbita ċkejkna fil-bieb ta' barra. Kien qed ibexbex.

"Min ġie dal-ħin?" — ħasbet Rożi. Qamet, ittawlet lil Mananni. Din kienet rieqda. Fl-aħħar l-għaja tal-ġisem u tal-moħħ ġagħlitha torqod.

Rożi xeħtet dublett fuqha u xalla madwar rasha... daħlet fil-kamra l-oħra. Il-kelb ukoll kien jidher rieqed fuq is-sodda ta' Golinu. Resqet lejn il-bieb. "Min hemm?" — staqsiet b'leħen ħiemed. "Jien, il-kuntistabbli Gamri", wieġeb b'leħen ukoll ħiemed ir-raġel li ħabbat.

Bexxqet kemm kemm il-bieb. Il-kuntistabbli staqsa għal Mananni. — "Rieqda" — qaltlu dik. — "Mela għalissa tqajjimhiex... Meta tqum, ara kif ittarfilha bil-mod li binha miet".—

— "Miet?!"—

— "Iva, fis-sagħtejn u nofs ta' dal-għodu. Ma kienx għal magħna... Mar ma' l-oħrajn... il-Bambin isabbarha. L-ewwel żewġha mbagħad binha."

— "Jalla l-Bambin iżomm idejh fuqna," — wieġbet Rożi.

— "Saħħa, Roż... Dak mar jitlob għalina."

— "Imsejkna, omm. Saħħa".

* * *

Rożi, minn x'ħin waslitilha l-aħbar tal-mewt ta' Golinu, ma kellhiex sabar targa' timtedd, qagħdet bil-qiegħda mgeddsa fuq siġġu ħdejn ras is-sodda ta' Mananni tqassat bil-kuruna tar-rużarju f'idejha tgħid l-avemarijiet u r-requiem aeternam, kollha ħosbiena, ittalla' u tniżżel kif sa tibda tagħti l-aħbar kerha lil Mananni tal-mewt ta' binha. "It-tifel, flaħħarnett, ma kienx għal magħna... u dan ommu kienet tistennieh" — qalet bejnha u bejn ruħha.

Malli rat li qed ibexbex, qamet minn fuq is-siġġu, daħlet

fil-kċina, kebbset il-kuċiniera u qiegħdet l-istanjata tal-kafè fuq in-nar. — "Il-Bambin ġabru... Kien wisq tifel tajjeb biex jibqa' jgħix qalb il-ħażen tal-lum... Imsejknin aħna li bqajna fid-dinja biex inġarrbu l-gwaj kollu ta' dawn iż-żminijiet hekk koroh...... Imsejkna omm li baqgħet tgħix biex tixrob l-imrar tat-telfa ta' żewġha u binha......" B'dawn il-ħsibijiet imewġu f'moħħha, Rożi kixfet il-għatu ta' l-istanjata li kienet qiegħda tagħli, tefgħet il-kafè, ħawdet bl-imgħarfa, u niżżlet l-istanjata minn fuq in-nar u ħallietha toqgħod.

"X'ħin hu?" staqsiet Mananni malli fetħet għajnejha u lemħet xaqq dawl mill-kontraporti mbexxqin tat-twejqa tal-kamra, u semgħet it-tkaxkir tal-passi ta' Rożi dieħla u ħierġa mill-kamra tar-rqad għall-kċina minn fejn kienet ħierġa r-riħa ta' kafè jagħli.

— "Għadha kif daqqet il-quddiesa tas-sitta", wieġbet lil Mananni.

— "X'waħda din; x'ħolma kerha..... dak il-kelb.... ma ħallinix nagħlaq għajn f'għajn, qabel ma siket għal .kollox", qalet Mananni hija u nieżla mis-sodda. — "Stħajjiltu qed jibki lil Ġolinu... X'waħda din!... Għadhom quddiem għajnejha: Ġolinu u l-kelb. Ġolinu qed iħares lejn il-kelb b'għajnejh miksurin.... u l-kelb jibki ħdejh. Imbagħad Ġolinu beda jipprova jkellmu, iżda l-kelma mititlu fuq xufftejh... imbagħad għalaq għajnejh għalkollox... imbagħad taħbita fil-bieb. Ħsibt li qed noħlom.... sejjaħtlek... deherli li smajt leħnek, Roż, titkellem ma' xi ħadd... imbagħad xejn iżjed... u għajni reġgħet marret bija...... Tgħid għadu ħaj?... Kemm kien magħdur... hux tassew, Roż... fejn int Roż?..."

Qamet u bdiet tħarrek il-passi biex tara fejn hi Rożi... daħlet fil-kamra tat-tifel... il-aħħar lemħitha f'rokna b'wiċċha midfun ġewwa l-fardal, iżżomm il-biki.

"X'ġara?!" staqsietha Mananni bir-rogħda fuqha.

"Xejn," wieġbet l-oħra, bla ma tista' żżomm il-biki.

"Mela tassew dak li ħlomt... mela tassew dak li ħsibt... mela tassew li ġew iħabbtu... tassew li ġew jagħtuk l-aħbar li Ġolinu......" u bla ma felħet toħroġ kelma oħra minn fommha, inxteħtet fuq ħoġor is-sodda u nfexxet f'bikja qawwija bħal meta, wara li jkun ilu jinġama' l-isħab iswed u jgħatti s-smewwiet minn tarf sa tarf, f'daqqa waħda tibda nieżla x-xita bil-qliel.

Tektika ċkejkna fil-bieb ġagħlet lil Mananni teħda mill-biki

u tarfa' rasha u tixxotta d-dmugħ. — "Roż, Roż!" instema' jsejjaħ xi ħadd b'leħen ħiemed. Kienet Lela, ġara oħra, ħtint Rożi.

"X'aħbar għandkom?" — staqsiet lil Rożi li qamet u marret tbexxaq il-bieb. Rożi, bla ma fetħet fommha għamlitilha b'idejha s-sinjal tas-salib u reġgħet għalqet.

Mananni refgħet rasha, ixxuttat id-dmugħ, issemmgħet, iżda ma semgħet xejn ħlief il-bieb jingħalaq. Għajnejha dlonk marru fuq il-kelb mixħut fuq is-sodda ma' ġenb l-imħaded li fuqhom binha kien imidd rasu... Ratu ma ċċaqlaq xejn. Messitu. Kien kiesaħ. — "Mejjet ukoll!" għajtet, "mejjet ukoll! Issa tassew ma fadalli 'l ħadd fid-dinja." U nfexxet f'bikja wisq iżjed kbira minn ta' qabel.

Rożi resqet lejha; sejħitilha; iżda din baqgħet mixħuta tolfoq u tolfoq fuq il-kelb li kien mejjet.

---

## IL-MIĠJA LURA F'MALTA TAL-PRESIDENT TAL-GHAQDA

Għandna l-pjaċir li nħabbru lill-Membri tal-Għaqda u Mseħbin ta' "Il-Malti", il-miġja lura f'Malta tal-President tal-Għaqda, it-Tabib G. Galea, M.D., D.P.H., wara li għamel fl-Universitajiet ta' Edinburgu u ta' Londra, kors teoriku - prattiku tal-Mediċina Legali, li tagħha kien maħtur bħala Lettur fl-Università Rjali ta' Malta.

Fil-waqt li aħna nagħtuh il-merħba bih nittamaw li sħabna tal-Għaqda ma jdumux ma jkollhom l-okkażjoni li jeħdulu b'idejh u jifirħulu.

# Il-Lsien Għarbi

(*Ta'* Fredu Nicholas)

(*Jissokta min-numru ta' qabel mill-paġ. 64.*)

Xi wħud igħidu li kienu n-nies tat-tribù ta' l-*Anbar* li daħħlu l-*ħuruf* (ittri) fil-kitba għarbija kif nafuhom il-lum u li dawn ġibuhom mill-kitba ta' l-Aramej li kienu qalbu l-feniċju f'ittri korsivi. Oħrajn igħidu li kien Bixr Ibn Abdel Malek, rajjes ta' Dumet-el-Gandal, fil-ħin li oħrajn jaħsbu li kien Abu Sufjân li ġieb il-kitba għarbija ta' żmienna. Ġiet minn fejn ġiet, kulħadd jaqbel li għal żmien twil dil-kitba kienet biss magħrufa minn ftit nies u meta l-Għarab qalbu għall-Islâm ma kienx hemm ħlief l-Imâm (Mexxej) Ali Ibn Abi Taleb u Omar Ibn El Kħattab li kienu jafu jaqraw u jiktbu. Mela l-lsien, fil-bidu tal-kitba tiegħu, kien il-lsien tal-ftit u fil-mogħdija taż-żmien il-kitba tiegħu xxerrdet fost il-popli li jitkellmuh; dan nistgħu nifhmuh l-għaliex niftakru li dawn il-popli sa ftit taż-żmien ilu kienu għadhom igħixu fl-ikbar faqar taħt ħakma barranija jew taħt il-fewdaliżmu tal-kbarat tagħhom, u dan, għalkemm mhux bħal qabel, għadu sal-lum.

L-iktar ħaġa kurjuża hija li t-Turkija, li taħt il-ħakma tagħha sal-Gwerra tal-1914-18 kellha l-Istati kollha tal-Lvant il-Qarib, kienet l-ewwel waħda li ħasset il-ħtieġa li tkisser il-katina ta' l-imgħoddi u tibdel il-kitba għarbija (li biha kien ukoll jinkiteb il-lsien tork) f'ittri latini. Dina kienet waħda mit-tibdiliet *rivoluzzjonarji* li għamel dak ir-raġel tal-għaġeb: El Għażi Mustafa Kemal.

Il-partitarji tal-qlib għall-ittri latini sabu r-riħ fil-qala' b'din il-bidla u iżjed qawwew qalbhom meta l-għadd tagħhom beda jikber u jixtered mal-Lvant kollu.

X'ikun il-vantaġġ jekk dawn jirnexxilhom l-iskop tagħhom? Fil-fehma ta' dawn ir-riformisti l-vantaġġ ikun li jitħaffef il-vokabbolarju, li l-kitba tkun eħfef u b'hekk tixtered iktar fost il-poplu, li tgħin lill-istudenti fit-tagħlim tagħhom u li l-Lvant jidħol aktar 'il ġewwa fil-familja ta' ġnus u b'hekk ma jibqax magħdud bħala *qasam warrani li jaħtieġlu jkun immexxi minn ħadd-ieħor.* Kemm hemm ħaqq f'dawn ir-raġunijiet kollha jista' jifhmu kull min mhux magħluq fiċ-ċirku tal-fanatiżmu... imma, jaħasra, daċ-ċirku, fil-Lvant il-Qarib, iktar qiegħed jinqafel, l-iktar minn

xħin l-Ewropa hija maqsuma u b'hekk ħtiġilha terħi l-qabda tagħha fuq đawk il-pajjiżi.

## IV

U l-kwistjoni għadha sejra dejjem u fiha saħansitra qegħdin jieħdu sehem xi barranin ukoll. Għalhekk ma satax jonqos li aħna l-Maltin nibqgħu lura f'ħaġa li tolqotna mill-qrib iktar minn barranin oħra minħabba x-xebh taż-żewġt ilsna. Għalhekk fl-24 ta' Frar, 1944, meta kont għadni fl-Eġittu, bgħatt studju żgħir lill-Akkademja tal-Lingwa Għarbija bil-ħsieb li nuriħom li aħna l-Maltin, li nitkellmu wkoll il-lsien bħal tagħhom, ilna niktbu đan il-lsien b'ittri latini mill-1570; jiġifieri xi 350 sena qabel ma t-Turkija ħolmot li tibdel l-ittri ta' l-alfabet għarbi. F'đan l-istudju tajt storja qasira tal-lsienna minn żmien il-Feniċi sal-lum kif ukoll urejt x'inhu l-alfabet tagħna u kif nistgħu niktbu bih kull kelma tal-lsienna mingħajr l-ebda tfixkil.

X'sar min đak l-istudju qatt ma stajt inkun naf għax, kif għeđt fuq, wisq nibża' *li đawk li għadhom magfulin fiċ-ċirku tal-fanatiżmu*, u li jagħmlu l-kotra tal-membri ta' l-Akkademja ma ħadux pjaċir li wieħed *agnábi* (barrani) u saħansitra *nusrani* mar jissokta jgħin lil đawk li, mingħalihom, iriđu jaqilbu wkoll iđ-Din tal-Muħammed !

## V

F'đin l-aħħar parti ta' đan l-artiklu, u għat-tagħrif tal-qarrejja, sa nuri, miktub bl-alfabet tagħna xi ftit kliem għarbi kif jitkellmuh fl-Eġittu. Minn đan wieħed jista' jifhem li m'hemm l-ebda toqol żejjed biex jikteb l-Għarbi b'ittri latini kif iriđu jagħmlu đawk li jħarsu iktar 'l binn mit-tarf ta' mneħirhom.

Ma naħsibx li l-*għ* (għajn) kif niktbuha aħna hija ta' ħtieġa li ma tgħađđix mingħajrha għall-kitba Għarbija, u għalhekk hawnhekk đin sa nuriha bl-aċċent *imkarkar* (*).

*1. — Rajjeħ il-maktáb badri aħsan ândi xál mistagel gidden.* (Se mmur l-uffiċċju kmieni għax għandi xogħol imgħaġġel ħafna).

*2. — El-Búluk es-Sawári fât mill-Midân ganb serajetWażiret el-Malija.* (It-truppa tal-Kavallerija għađđiet mill-misraħ ma' ġenb il-Palazz tal-Ministeru tat-Teżor—jew tal-Finanzi).

*3. — Ibât er-radd mal-murasla bi súra.* (Ibgħat it-tweġiba mal-messaġġier malajr).

*4. — El-gexx stelem id-dabbabat, et-tajjarat u r-raxxaxat el-*

*gudad*. (L-armata rċeviet it-tankijiet, l-ajruplani u l-*machine guns* il-ġodda).

Jaħtieġ madankollu ingħidu li din hija turija ċkejkna ħafna, imma minnha wieħed jista' jifhem kemm iwassal fil-bogħod l-alfabet Malti għall-kitba Għarbija; iżda l-alfabet tagħna jonqsu xi ittri li huma meħtieġa għall-Għarbi: bħallikieku ż-żewġ ittri magħquda *kħ* (*) bħal fil-kliem *kħcr* (ħajr), *Kħadr* (isem); għal din l-ittra (jew ittri) tista' tidher il-*k* b'tikka fuqha biex tingħażel mill-*k* l-oħra. Imma għad naraw fi żmienna dil-bidla fil-kitba Għarbija? Aħna li nafu tajjeb x'fanatiżmu bħal issa hemm fil-Lvant il-Qarib u x'mibegħda kontra l-barrani, wisq nibżgħu li x-xogħol ta' dawk ta' rieda tajba sa jkun kollu għalxejn.

---

(*) Għat-traskrizzjoni Għarbija nistqarru li l-ittri ta' l-alfabet tagħna mhumiex biżżejjed għaliex xi ħsejjes ta' ittri *gutturali* u ta' ittri *dentali enfatiċi* li jinsabu fil-Għarbi l-Malti tilifhom jew ma kellux mill-bidu. Illi l-*'ain* (il-*għ* tagħna) jew il-*għajn* għarbija ħarxa tfissirhom bil-vokali b'aċċent imkarkar mhuwiex skond il-grammatika u lanqas skond il-fonetika. Il-vokali b'aċċent imkarkar ma tista' toqgħod qatt flok konsonanti sħiħa, bħalma hi l-*għ* fil-Malti u fil-Għarbi. Ix-xogħol tal-vokali b'aċċent imkarkar fil-morfoloġija Għarbija (u xi ftit ukoll fil-Malti) huwa daqsxejn waħda mwiegħer biex tfissru fi ftit kliem skond ir-reguli tal-fonetika.

Il-konsonanti *kħ* insbuha iktarx fit-traskrizzjoni ta' grammatiki tal-Għarbi volgari ta' edizzjonijiet qodma. Il-lum, l-*ħ* (ħarxa gutturali) fil-Malti tħalltet ma' l-*ħ* aspirata qawwija, u, fit-traskrizzjoni ta' kliem Għarbi tidher *b'ittra waħda*: *ħ* b'sing taħtha jew b'ċirkumfless jew b'qaws taħtha, fil-waqt li l-*h* aspirata gutturali, (jiġifieri l-*ħ* tagħna) tidher bl-bl-ittra *h* b'tikka taħtha. Il-*k* b'tikka fuqha dlonk tista' titħallat mal-leħen ta' *qaf* bħalma nsibuha fl-ewwel *Tagħlim Nisrani* ta' Wzzino.

Għal skop etimoloġiku naħseb li jaqbel illi l-ittri li jkollhom jiżdiedu fl-alfabet tagħna jkunu dawk li dlonk insibu użati fit-traskrizzjoni xjentifika ta' l-Orjentalisti tal-lum bħalma nsibu fi Stumme, Bonelli, Vaccari u sa ċertu pont f'Wright.

(Nota ta' l-EDITUR).

# Il-Mewt ta' Tlitt Iħbieb ta' "Il-Malti"

(*Ta'* A.C.)

MAL-ĦBIEB ta' "Il-Malti" li s'issa ħallewna, b'qalbna magħfusa nħabbru fil-ħarġa ta' din id-darba, il-mewt ta' tlitt iħbieb għeżież tagħna, li ġrat f'għeluq it-tliet xhur ta' l-aħħar.

L-ewwel wieħed huwa n-Nutar **CARLO MICALLEF DE CARO**, li kien wieħed mill-ewlenin fost l-inseħbin ta' "Il-Malti" u qatt ma naqas li ma juriniex il-ġibda kbira li kellu għall-kitba Maltija billi 'l hawn u 'l hinn kien jibagħtilna xi nota fuq xi kliem Malti, xi ħrafa, xi aneddotu jew xi bijografija ċkejkna ta' nies kbar, fosthom Maltin. L-aħħar kontribuzzjoni tiegħu, li kellu xewqa kbira jaraha stampata f'"Il-Malti" kien l-artiklu bijografiku fuq Niccolò Isouard, li deher fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' l-aħħar.

In-Nutar Micallef De Caro, għalkemm ma kienx mill-kittieba kbar tal-Malti, dejjem sewa ta' għajnuna bil-ħidma morali u letterarja tiegħu biex il-Malti jimxi 'l quddiem bħala lsien tal-poplu.

Sa minn meta qamet fost il-kittieba tal-Malti l-ħajra u l-fehma li titwaqqaf kitba soda tal-Malti, jiġifieri minn żmien ix-Xirka Xemïa 'l hawn, huwa kien ikun minn ta' l-ewwel biex iwieġeb għas-sejħa ta' kull moviment għat-twettiq tax-xewqa tal-kittieba tal-Malti. Huwa, għalhekk, f'żgħożitu, kien wieħed mill-eqreb ħbieb ta' Ant. Em. Caruana, Napuljun Tagliaferro, Ġanni Vassallo u Ninu Muscat Fenech. Kien hu li dan l-aħħar ħambaq f'xi ġurnal sabiex lil Ninu Muscat Fenech infakkruh lil din il-ġenerazzjoni ġdida bħala wieħed mill-pijoneri tal-Moviment tal-Kitba Maltija.

In-Nutar Micallef De Caro kien magħruf bħala wieħed mill-korrispondenti-kollaboraturi tar-Rivista Taljana "Il Sorriso in Famiglia". Barra minn xi artikoli bil-Malti kien għamel l-ewwel traduzzjoni bil-Malti tal-Ħajja ta' San Pawl ta' Patri Bottalla.

In-Nutar Micallef De Caro mnissel minn familja li għandha l-isbaħ tifkirijiet ta' rjus li għandhom isem fix-xjenza legali u fil-letteratura, kien il-mudell tal-bniedem ta' reqqa kbira fid-

dmirijiet tal-professjoni tiegħu u ta' karattru ferrieħi u dħuli—dejjem b'dik it-tbissima fuq fommu li kienet turi fih ruħ u qalb tajba: ta' bniedem ġentlom. Kien l-anzjan tan-nutari sħabu li lejh kellhom l-akbar qima.

* * *

It-tieni ħabib tagħna huwa l-magħruf **Avukat CARMELO MIFSUD BONNICI,** li wara marda qalila u twila li fnietlu saħħtu kollha, ħalliena għalkollox ftit ġimgħat ilu. Minn ħbiebu u minn dawk kollha li kellhom ix-xorti jafuh, fosthom mill-Għaqda li tagħha kien Membru Akkademiku, kien ilu mifrud, għax la fommu u lanqas il-pinna tiegħu ma setgħu dan l-aħħar ħames snin iżommu r-rabta li kellu magħhom u huma miegħu fil-ħajja ta' kuljum.

Bikri minn żgħożitu l-Avukat Mifsud Bonnici wera moħħ qawwi għall-kitba ta' proża u versi u lsien ħieles u ħafif għall-oratorja—fuq kollox xeħta u ħila kbira biex bla ebda tbatija ta' studju jixrob il-materjal u l-istil tal-klassiċi sew qodma kemm ġodda u jittratta argumenti soċjali, storiċi, bijografiċi u letterarji u fuqhom jagħmel studji kritiċi.

Il-qawwa letterarja tiegħu kienet fil-lsien Taljan meta dan l-ilsien kien għoddu wasal biex jinxtorob mill-koltivazzjoni qawwija tal-lsien Ingliż li kienet ħadet il-post tal-koltura tradizzjonali tat-Taljan fl-Iskejjel Sekondarji u fl-Università. Iżda, imbagħad, huwa ma stmerrx li b'riħet il-ġenju poetiku li kellu jittanta jikteb 'l hawn u 'l hinn xi għanja Maltija — b'dak il-lsien li kien tgħallem f'ħoġor ommu u fid-dinja ċkejkna ta' tfulitu. Għalhekk, malli l-Malti beda jieħu r-ruħ bis-saħħa tal-kitba kotrana tal-kittieba tal-Għaqda tal-Malti, hu tħajjar jingħaqad magħhom għaliex—bħalma kittieba oħra, wara li għannew bil-lsien barrani ma stmerrewx iħaddmu l-pinna tagħhom fil-versi Maltin — hekk ukoll huwa ħass il-ħajra qawwija u s-seħer li jgħanni wkoll b'ilsien art twelidu u fost il-versi sbieħ li tana u li deħru 'l hawn u 'l hinn f'"Il-Malti", insemmu: "Lil Binti", "Lil Ommi", "Il-Għanja Maltija", u "Alla! Alla!"

L-ewwel versi li kiteb, li huma iktarx ta' fasla saffika b'mertu xi mindaqqiet Carduccian, tħosshom tqal fil-bini ta' l-istrofa, u l-ħsieb imwiegħer fl-espressjoni tal-vers li jdum ma jieħu nifs u jieqaf, bħalma nsibu f'"It-Talba"; iżda, imbagħad, insibu li

wara żmien il-versi tiegħu ħadu xejra iżjed mexxejja li turi fil-poeta ġdid ta' versi Maltin il-ħeffa u l-arti naturali ta' pinna Maltija.

Aħna ma nistgħux ma ngħożżux, għalkemm xi darba sata' deher għall-ewwel li l-Malti ma jġerrgħux għalkollox, is-sentimenti poetiċi sbieħ ta' Mifsud Bonnici lejn Art Twelidu u għall-Għanja tal-Lsien Art Twelidu meta naqraw dawn il-versi mexxejja u kbar fil-"Għanja Maltija" tiegħu :

*Int biss għallimtħieli*
*qalila l-mibegħda*
*għal min irid jaħqrek*
*jew jixħtek fit-tajn,*
*sew sew jekk barrani*
*jew ħija nobogħdu,*
*għalih ma hemmx maħfra,*
*għal miegħu għajn b'għajn.*

.................................

.................................

*U wara li l-bewsa*
*tal-mewt minn ġo fija*
*ittajjar lil ruħi*
*għaż-żmien ta' bla jiem,*
*jien nibqa' nismagħha*
*u hi tibqa' tgħannili*
*din l-għanja wild ruħi*
*għax ruħi bla tmiem.*

Għalkemm ma kitebx wisq versi Maltin, il-ftit versi li kiteb sabu rokna tajba fit-Tliet Kotba tal-Ward ta' Qari Malti.

C. Mifsud Bonnici huwa l-ewwelnett Poeta ta' versi Taljani u t-tieni ta' versi Maltin. Fost ix-xogħlijiet poetiċi bit-Taljan insemmu "I Kanti della Patria", "Dal mio Cuore al Mondo" (1935) ; u "Giuditta di Betulia" (1939).

Bħala Avukat huwa msemmi fil-fergħa tal-Liġi Kriminali li tagħha, wara karriera sabiħa, laħaq Professur fl-Università.

Kien għadu student fl-Università meta huwa fil-ħeġġa tas-sentimenti tiegħu lejn il-Partit Nazzjonalista, inxteħet fil-kamp ġelliedi tal-politka tal-pajjiż, u minnu, bħala artikolista u oratur, wara żmien dan il-Partit kellu appoġġ kbir fil-propaganda partitarja u fil-Parlament Malti, fejn huwa kien deher bħala Deputat u Ministru.

Bil-mewt tiegħu Malta tilfet waħda mill-ġawhriet sbieħ li kienu qed iżejnulha isimha, u l-Għaqda wieħed mill-egħżeż ħbieb

tagħha ewlenin li bil-pinna tiegħu żejjen ma' sħabu l-paġni tal-letteratura Maltija tal-lum.

* * *

It-tielet ħabib li tilfet il-"Għaqda" tagħna u magħha l-Għaqda ta' bosta żgħażagħ li fih kellhom Missier tat-Tagħlim Nisrani u bosta ħbieb oħra huwa s-Sur **RIKARD MIFSUD BONNICI,** wieħed mid-dekani tal-kittieba tal-Malti. Konna qegħdin inħejju "Il-Malti" għall-istampa meta waslitilna f'daqqa waħda l-aħbar tal-mewt tiegħu. Min ma jafux lis-Sur Rikard sew fil-ħajja soċjali kemm fil-ħajja letterarja? Imnissel minn razza li dejjem issemmiet għal pinna tajba fil-kitba Maltija, fosthom, jiddi bħala kewkba, Klement Mifsud Bonnici, ta' żmien ix-Xirka Xemïa, li kien jikteb fis-"Sebħ", u s-Sur Viċenz Mifsud Bonnici, wieħed mill-anzjani fost il-membri ewlenin tal-Għaqda, is-Sur Rikard ma jagħmilx għajb lil niesu ta' qablu u lanqas lill-oħrajn ta' l-istess ġidd li nibtu warajh u li l-lum qed jirqmu bil-pinna tagħhom il-kitba Maltija.

Is-Sur Rikard huwa iktarx magħruf bħala prożatur milli bħala poeta Malti. Il-proża tiegħu turi fih kostruzzjoni u frażjoloġija ta' drapp Malti waħdu li qajla ssibha fil-kittieba żgħażagħ tal-lum li, għalkemm għandhom fil-kitba tagħhom il-fond ta' erudizzjoni letterarja ta' ilsna oħra li tiswa ħafna fil-letteratura moderna Maltija, għad iridu jixorbu minn dik il-għajn safja ta' kittieba xjuħ Maltin bħalma kienu, Klement Mifsud Bonnici, Preca, Caruana, Muscat Azzopardi, Temi Zammit, Bellanti u Ċensu Mifsud Bonnici. Dana aħna rajnieh fil-proża ta' Rikard, f'xi novella ċkejkna, f'xi ħrafa, f'xi rumanz, li għadu manuskritt, u fil-ħannieqa ta' frażijiet u idjotiżmi Maltin tiegħu li dehru kemm-il-darba f'"Leħen il-Malti" u f'"Il-Malti" tagħna.

Rikard huwa l-awtur tar-rumanz "Santu Formosa" li f'konkors imniedi mill-Gvern kien wieħed mill-ippremjati; huwa wkoll l-awtur tal-"Mistika", kitba axxetika, maħruġa mill-Għaqda tad-Dutrina u ta' bosta bċejjeċ oħra li huma ġawhriet ta' proża Maltija.

Rikard Mifsud Bonnici kien bniedem ta' ruħ tajba, baqa' għażeb biex igħix ħajja skond il-fehma ta' San Pawl, u l-iktar biex jaqdi iżjed xogħlu ta' bniedem mogħti għall-għożża ta' daru, imħabba lejn għajru u lejn dawk kollha li f'isem Kristu u l-Knisja Tiegħu ħtieġu l-għajnuna morali tiegħu. L-aħħar xogħol tiegħu

li juri fih qalb ta' nisrani, li baqgħet tixgħel għall-Fidi ta' Kristu sa l-aħħar ta' ħajtu, hija l-"Kristoloġija", ġabra ta' poeżiji fuq Kristu Nazzarenu li hu kien laħaq stampa sewwa sew tmint ijiem qabel mewtu u beda jqassam il ħbiebu, iżda ma laħaqx qassmu kollu. Lilna waslilna l-għada ta' mewtu, b'isimna u bla indirizz, bil-ħsieb li jiktbu l-għada. Iżda l-għada ħabibna tal-qalb u tal-pinna għalaq għajnejh fis-sliema u l-bewsa ta' Kristu li għalih kien għex f'din id-dinja, u li bl-għaniet Tiegħu kien għalaq l-aħħar sigħat ta' ħajtu.

"Alla u Lsienna". Dan kien il-qawl tiegħu, u dawn iż-żewġ kelmiet kienu fl-egħżeż rokna ta' qalbu.

---

## GHANJIET TA' MHABBA
### LIL EROS

(*Ta'* LOUIS ELLUL)

Għad jasal fuqna waqt, Eros ta' ħajti,
Meta, qalb waħda, inkunu magħqudin;
'Ma llum li inti hawn u jiena miegħek,
Ejja ninħabbu u ngħożżu lil xulxin.
'L hemmfuq hemm roqgħa ħadra, kollha fjuri
Jitliegħbu u jiżfnu ma' fewġet ir-riħ,
Qed tistedinna biex nixxaħxħu f'nofsha
Nistgħallu l-fwieħa, mgħannqa u mbewsa sħiħ.
Imħattba t-triq li tagħti għal din ir-roqgħa
U x-xewk li fiha kiefer tgħidlix kemm;
'Ma t-tnejn flimkien, min jista' qatt għalina?
Bl-imħabba nibdlu f'daħk il-krib tal-hemm.
Sabiħa l-ħajja, meta tkun taf tgħixha,
Taqsam mas-sieħba s-slaleb tat-tiġrib
U wara dduq mill-għasel ta' l-imħabba
Bil-ħarsa tal-Mulej tgħassek fil-qrib!
Xi ġmiel t'għaxija! X'seħer fih is-sema!
Hares! Ix-xemx staħbiet wara l-għoljiet,
L-għasafar mitlufin fl-aħħar tpespisa,
Isaltan mal-ħolqien dalwaqt is-skiet!
Tfajla ninħabbu! Nimxu sfiq għall-ħdura!
Nitwaħħdu mat-tektik ta' qlubna t-tnejn,
Ingħixu siegħa hienja f'għaxqa għalina,
Ninsew għal ftit l-imrar ta' dal-jumejn!

# Reċensjonijiet

**ĠABRA TA' ĠAWHAR:** Albert M. Cassola. Antoloġija — Malta. Giov. Muscat. 1948. Prezz 3s.

KIF diġà ħabbarna f'*Il-Malti* ta' l-aħħar ħarġa dan il-ktejjeb jiġbor damma ta' versi u proża li Cassola, kittieb żagħżugħ, kiteb 'l hawn u 'l hinn ma' tul żgħożitu u l-iktar f'dawn l-aħħar snin, jiġifieri ma' tul il-gwerra u wara wkoll. Din il-ġabra, kif jistqarr l-Awtur, hija silta ta' l-aħjar proża u versi li skond ma deherlu hu, jixhdu l-aħjar bċejjeċ ta' xogħlijiet tiegħu letterarji għal dawk li huma dissertazzjonijiet, artikoli, novelli u versi liriċi. Xi bċejjeċ minn dawn kienu ippremjati f'konkorsi u dehru diġà stampati, fosthom "Il-Gidba" li daħlet f'"Il-Ward ta' Qari Malti" (It-Tieni Ktieb) (It-Tieni Edizzjoni), u l-"Ġenesi" li dehret fil-"Pronostku Malti" ta' l-1940. "Il-Kandlieri taċ-Ċomb" hija wkoll novella li ġiet ippremjata mill-"Malta Missjunarja".

F'dik li hi poeżija, li fil-biċċa l-kbira hija ta' xeħta lirika, jidher li l-poeżija tas-Sur Cassola, għal dak li hu ritmu u sentimenti, hija magħrufa għal skopijiet okkażjonali, fosthom insemmu l-"Innu ta' l-Istudenti".

Fuq din il-fergħa ta' letteratura lirika, għamel studju kritiku bl-Ingliż is-Sur Carmelo Galea, li kien deher f'"The Bulletin" tal-10 ta' Jannar, 1948 u mdaħħal bħala oppendiċi fl-aħħar paġni tal-ktieb. Fost il-poeżiji msemmijin għall-preġji tagħhom artistiku huma "Il-Ballata tal-Margerita", romanza, "Dun Juan" u "Xi tkun?" u "Ħadd il-Karnival". Fihom, skond il-fehma tal-kritiku, Cassola wera qawwa ta' sentimenti iżjed milli reqqa ta' prosodija.

Aħna, wara li qrajna u flejna sew il-proża kemm il-versi li hemm miġburin f'dan il-ktieb nistgħu ngħidu li Cassola għandu l-mertu tiegħu sew bħala prożatur kemm bħala poeta: iżjed bħala prożatur milli bħala poeta; u li għalkemm il-proża tiegħu hija kultant nieqsa mir-reqqa ta' kliem letterarju u minn kostruzzjoni sintattika u sintetika, il-perjodjar ftit u xejn maħlul u l-frażjoloġija tiegħu xi mindaqqiet imtabbgħa bi kliem wisq modern b'kuntrast ta' xi kelma safja 'l hawn u 'l hinn li ttellef l-*omoġeneità* tal-proża tiegħu, huwa għaraf jagħtina kullana ta' rakkonti qosra, kif stqarr il-kritiku tiegħu, fuq il-fasla ta' Chekov, miktubin bi stil mexxej, bi kwadri ta' ħajja attwali fil-ġrajjiet diversi ta' żmien it-tfulija u ż-żgħożija tiegħu, bi lwien karatteristiċi lokali, f'xi bnadi b'xi daqqa ta' pinzell folkloristiku, u bi djalogi ħajjin li fihom hemm id-doża sarkastika, ċajtiera u filosofikament morali, li ssibha fir-rakkonti ta' De Amicis u ta' Fucini.

L-aktar li laqtuna bħala episodji ta' din il-qatgħa huma: "Il-Kumpannija tas-Suldati", "Il-Gwerra tal-Presepju", "L-Istraġi tan-Nemel", "It-Tijatrin ta' Pjazza San Ġorġ", "Il-Kostum tal-Karnival", "Il-Gazzetta Tiegħi", u "Il-Ħares tal-Kerrejja". Fit-"Tliet Insetti", il-kittieb, waqt li jagħmel deskrizzjoni ċkejkna ta' dawn it-tliet insetti li jħobbu jdejku 'l-bniedem, b'sabar filosofiku, jurina l-istojiċiżmu umoristiku ta' kittieb popolari.

Fl-istudji kritiċi ta' xi xogħlijiet drammatiċi juri wkoll dik il-ħila li ssibha biss fi kritiċi li jafu x'inhi sengħa tal-palk, u Cassola, bħala wieħed mill-aħjar kommedjografi moderni li rafa' ġieh il-Palk Malti mill-għajb ta' dari, ma nistgħux ingħidu li f'din il-materja l-pinna tiegħu setgħet togħtor.

Fl-*essays* insibu li Cassola ma' l-argumenti *dissertatorji* l-iktar serji jaf iħawwar u jikser it-togħma b'dik in-nuskata bżar ta' sarkażmu li ġġagħlek tissokta taqrah sa l-aħħar.

Tqis kollox ma' kollox, Cassola fil-proża u fil-versi li tana, wara li tnaqqi minnu xi naqal ċkejken tal-kitba Maltija tiegħu, jista' joqgħod bħala prożatur u poeta modern u ġenjali fost iż-żgħażagħ kittieba tal-lum.

a. c.

**GHANA W TAQBIL IT-TFAL** — Studju Folkloristiku ta' G. Cassar Pullicino, f'"Leħen il-Malti". Għadd 206-208. April, 1948.

DAN huwa studju fuq il-Għana u Taqbil tat-Tfal fil-Gżejjer ta' Malta, studju li milli jidher ħadd ma kien għadu semma u kiteb fuqu, neħħi 'l hawn u 'l hinn xi taqbila fuq ir-riqi u tibħir u xi għanja tan-*Ninni Ninni* li sa tmiem is-seklu ta' qabel dan dlonk kont tismagħha fl-irħula minn fomm l-ommijiet fil-waqt li jbennu biex iraqqdu t-tarbija. It-titlu ta' Għana u Taqbil tat-Tfal kienet tkun iżjed sintattika minn dik li hemm f'ras din il-kontribuzzjoni. Iżda dan ma jtellifx il-valur ta' l-istudju li huwa wieħed mill-aqwa dokumenti tradizzjonali tad-drawwiet ta' biċċa mill-ħajja popolari tan-nies tal-Gżejjer ta' Malta.

Is-Sur Cassar Pullicino, għal min ma jafux, huwa wieħed mill-aqwa u mill-ifjen studjużi tal-ħwejjeġ tradizzjonali tagħna. Minn xi snin 'il hawn, wara li studja tajjeb il-Malti u rifes l-għatba ta' l-Università, minn fejn kien telaq ħesrem l-istudji akkademiċi biex daħal mal-Gvern wara eżami kompetitiv bħala Spettur Sanitarju, imbagħad bħala Skrivan fis-Servizz Ċivili, huwa kien ta ruħu għall-istudju tal-Folklore Malti, imħajjar mill-istudji li kienu saru sa żmienu: ta' Magri, Busuttil, Bonelli, u l-iktar minn dawk il-monografji li lħaqt ħriġt jien. Lil Cassar Pullicino niftakru student il-Liċeo. Kien wieħed mill-ewwel u l-aħjar studenti tiegħi tal-Malti; minn dejjem kien juri xeħta kbira għall-istudju tal-Malti u l-iktar għat-tifkiriet tradizzjonali Maltin.

Il-"Għana w Taqbil it-Tfal" huwa wieħed mill-aħjar studji li dan iż-żagħżugħ għamel fuq il-Folklore Malti u fih hemm miġburin il-Għana (dawk li bl-Ingliż igħidulhom *Nursery and Game Rhymes*) u Taqbil tat-Tfal li huwa ġabar b'reqqa u sabar li ma bħalhom, minn fuq dokumenti kif ukoll minn fomm in-nies stess.

Qabel ma jibda jsemmi dawn il-għanjiet u vrejjes tat-tfal, l-Awtur isemmi fuq fuq id-drawwiet tat-tfal sew fil-mogħdijiet taż-żmien ta' kuljum kemm ma' tul is-sena f'xi okkażjoni ta' staġun jew festa, bħal nhar San Martin u l-Milied, u jqabbilhom ma' dawk f'pajjiżi oħra — Taljani, Sqallin u Ingliżi. Il-Għana u t-Taqbil tat-Tfal huma l-mera tal-ħajja tat-tfulija tal-kbar kemm ukoll xi ftit tal-ġenerazzjoni ġdida tat-tfal tal-lum u ta' dawk li għad iridu jgħaddu minnha.

Il-logħob tat-tfal li dari fi tfulitna konna nilagħbu u li bosta minna iktarx għadhom jiftakru flimkien mal-kantiliena jew ritmu tagħhom — logħob li aħna writna mill-aħħar żminijiet tan-Nofs u li l-lum qed igħib ftit ftit u jinxtorob minn logħob Ingliż li t-tfal tal-lum qed jitgħallmu fl-iskejjel u kulleġġijiet u qalb is-soċjietajiet tal-lum fejn taħkem l-atmosfera tal-ħajja sportiva Ingliża, l-Awtur isemmih kollu, wieħed wieħed, u biċċa minnu jqajmu mill-ifnad qigħan ta' qabru. Din il-fergħa ta' Folklore huwa flieha kemm sata' sa l-aħħar saff ta' qiegħ it-tradizzjonijiet popolari li huwa stħarreġ minn kotba u dokumenti. Bħalma sibna aħna fil-ħrejjef u fid-drawwiet, huwa sab ukoll xebh kbir bejn il-logħob u għana tat-tfal Maltin ma' dawk ta' Sqallija. l-iktar bl-għajnuna tal-ktieb ta' Pitrè: "Giuochi Fanciulleschi Siciliani". L-Awtur għaraf fost dawn jagħżel xi taqbiliet (li mhumiex ftit) minn dawk li daħlulna minn band'oħra u jikklassifikahom taħt il-forma ritmika qasira b'rabta ta' sens mal-kelma fl-ewwel vers bħala element oriġinali. u l-bqija tat-taqbila b'suġġett u kliem maħluqin mill-immaġinazzjoni karetteristika tat-tfal Maltin.

L-Awtur għandu l-mertu f'din il-fergħa ta' studju kemm f'fergħat oħra tal-Folklore Malti li jkun wieħed minn ta' l-ewwel, jekk ukoll mhux l-ewwel wieħed, li ġabarhom, issistemahom, studjahom u kiteb fuqhom hekk fil-wisa'.

Oħrajn qablu kienu għażqu f'dan il-qasam ta' drawwiet Maltin, fosthom Abela, De Soldanis, St. Priest, Badger, Patri Manwel Magri, Bonelli, Stumme, B. Ilg, L. Galea u M.A. Murray, iżda xogħlhom ma kienx ħaddan ħlief ġabra ċkejkna, fil-waqt li x-xogħol ta' l-Awtur jinfirex fuq art li ma kenitx għadha mistħarrġa sewwa u li minnha, tista' tgħid, hu ġabar il-biċċa l-kbira tal-materjal tal-Folklore Malti. Il-ġabra tal-Ħrejjef u Għanjiet Maltin miġburin minn Stumme u Ilg fil-kotba tagħhom kellha iktarx skop ta' studju lingwistiku milli folkloristiku, iżda għandna nistqarru li serviet mhux ftit għal kull studju tad-drawwiet u traduzzjonijiet Maltin. L-Awtur fl-aħħar ta' dan l-istudju jżid bħala appendiċi dokumentarja ġabra ta' taqbiliet li fil-biċċa l-kbira jxebbahhom ma' Sqallin, Taljani u Ingliżi.

Qabel dan ix-xogħol li deher sħiħ f'"Leħen il-Malti", l-Awtur kien tana xhieda tal-ħila tiegħu fit-tiftix tal-Folklore Malti f'kontribuzzjonijiet oħra li meta tiġborhom u tgħaqqadhom flimkien dlonk għandek tifhem li dan l-Awtur fiż-żmien battâl tiegħu f'dawn l-aħħar tliet snin għaraf jiġbor materjal ġdid u għani ma' dak li kellna mxerred f'kotba, f'rivisti, f'ġurnali, eċċ., b'metodu wisq iżjed sistematiku li fuqu jista' jinbena x-xogħol kollu tal-Folklore fid-diversi fergħat tiegħu, biċċa miġburin fil-qosor oħrajn iżjed fil-wisa'. Il-qofol ta' dan l-istudju kollu nsibuh fil-ktejjeb tiegħu "An Introduction to the Maltese Folklore", li hu ġabra ta' l-artikoli li kienu dehru fis-"Sunday Times of Malta" minn Mejju sa Settembru, 1946.

Għalkemm għad hemm ħafna xi tħaffer fil-minieri tal-qasam folkloristiku Malti, naħseb li dan iż-żagħżugħ studjuż tal-ħwejjeġ tradizzjonali tagħna għaqqad l-isbaħ u l-isħeħ kwadru sinottiku tax-xogħol tal-fergħat kollha li fuqhom għad irid isir studju dettaljat u komparattiv, studju li għandu rabta kbira ma' l-istorja etnografika u lingwistika tal-pajjiż.

a.c.

JINBIEGH 1/-

Aġent Direttur: A. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldeska,
Paula.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.